PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0046/2015**

10.3.2015

***I

# RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (Kodifikazzjoni)
(COM(2014)0304 – C8-0010/2014 – 2014/0159(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Andrzej Duda

(Kodifikazzjoni – Artikolu 103 tar-Regoli ta' Proċedura)

PR_COD_Codification

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

# WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI ........ 6

PROĊEDURA ........................................................................................................................ 7

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (Kodifikazzjoni)**
**(COM(2014)0304 – C8-0010/2014 – 2014/0159(COD))**

**Proċedura leġiżlattiva ordinarja – kodifikazzjoni**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0304),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0010/2014),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 103 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0046/2015),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali;

---

[1] ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

**ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI**

GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, 17 ta' Ottubru 2014

**OPINJONI**

**GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**
**TAL-KUNSILL**
**TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja**
**COM(2014) 304 finali tas-27.5.2014 – 2014/0159(COD)**

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi, u b'mod partikulari l-punt 4 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, magħmul mis-Servizzi Legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, fl-10 ta' Lulju 2014 iltaqa' apposta biex jeżamina, fost affarijiet oħra, il-proposta msemmija hawn fuq, imressqa mill-Kummissjoni.

Waqt il-laqgħa[1], l-eżami tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill intenzjonata li tikkodifika r-Regolament tal-Kunsill 1692/73/KEE tal-25 ta' Ġunju 1973 fuq il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wassal biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, bi qbil komuni, li l-proposta effettivament tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali.

| | | |
|---|---|---|
| F. DREXLER | H. LEGAL | L. ROMERO REQUENA |
| Ġuriskonsult | Ġuriskonsult | Direttur Ġenerali |

[1] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv ħadem abbażi tal-verżjoni tal-lingwa Ingliża tal-proposta, billi kienet il-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test li qed jiġi diskuss.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (kodifikazzjoni) |
| **Referenzi** | COM(2014)0304 – C8-0010/2014 – 2014/0159(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 27.5.2014 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>28.1.2015 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Andrzej Duda<br>17.10.2014 |
| **Data tal-adozzjoni** | 11.11.2014 |
| **Data tat-tressiq** | 10.3.2015 |